Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8956 — Biogen/Samsung BioLogics/Bioepis JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 297/07)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Biogen Inc. ("Biogen", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Samsung BioLogics Co. Ltd ("Samsung BioLogics", il-Korea t'Isfel), kumpanija kkontrollata mis-Samsung Group (il-Korea t'Isfel), jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Samsung Bioepis Co. Ltd ("Bioepis", il-Korea t'Isfel), bħalissa kkontrollata unikament minn Samsung BioLogics.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Biogen: kumpanija bijofarmaċewtika attiva fir-riċerka, l-iżvilupp u l-għoti ta' terapiji għal mard newroloġiku u newrodeġenerattiv serju madwar id-dinja,

— Samsung BioLogics: kumpanija attiva fl-iżvilupp u fil-manifattura ta' prodotti bijofarmaċewtiċi madwar id-dinja,

— Samsung Group: konglomerat attiv f'firxa wiesgħa ta' industriji, inklużi dawk tal-elettronika, bini ta' vapuri, inġinerija u assikurazzjoni,

— Bioepis: attiva fl-iżvilupp tal-mediċini bijosimili. Bioepis huwa impriża konġunta (joint venture, JV) bejn Samsung BioLogics u Biogen.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8956 — Biogen/Samsung BioLogics/Bioepis JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.